**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com   TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt   FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 12-10

**Data:** **30** ta' Dicembru 2010

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku - assenti
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 11.10 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Devoluzzjoni tac-Cimiterju - Is-Sindku informa l-Kunsill li d-devoluzzjoni tac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq ma gietx accettata.

2.2 Devoluzzjoni tal-art ghac-Centru Civiku – Is-Sindku qara l-ittra mibghuta mis-Sur Aldo Cutajar, Senior Principal Officer fuq Devoluzzjonijiet, datata 11 ta' Dicembru 2010. Il-Kontenut ta' din l-ittra kien li d-devoluzzjoni tal-art mal-genb tal-iskola tinghata bil-kundizzjoni li l-Kunsill Lokali Kalkara japplika formalment mal-Awtoritajiet koncernati. Is-Sindku qara wkoll il-kundizzjonijiet fil-ftehim iffirmat f'Novembru 2010. Il-pjanta ghandha tigi pprezentata fil-laqgha pubblika li ser issir nhar il-Hadd 16 ta' Jannar 2011. Il-Kunsill iddiskuta li bhala ammont ta' self se jmur ghas-somma ta' 400,000 ewro li tithallas fuq 20 sena. Is-Sindku qal li peress li matul is-sena 2011, il-Kunsill ser ikun qieghed jaghmel ammont ta' resurfacing f'diversi toroq madwar il-Kalkara, il-Kunsill ser jitlob ezenzjoni mill-allokazzjoni tat-toroq sabiex jintuzaw fuq il-hlas tac-Centru Civiku. Peress li s-self ser jithallas fuq aktar minn 8 snin, il-Kunsill irid jaghmel referendum sabiex ikun ir-resident li jiddeciedi jekk ic-Centru Civiku ghandux isir.

2.3 Kuncert tad-19 ta' Dicembru 2010.- Il-Kunsill ddiskuta l-andament tal-Kuncert u li l-attendenza tieghu kienet wahda sabiha. Din turi li n-nies tal-lokal u anke oltre huma mixtieqa minn kuncerti bhal dawn.

2.4 MCST- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret il-laqgha mal-persuni nkarigati mill-MCST u gejna infurmati li l-permess sar sabiex jigi rrestawrat il-bini kollu ta'madwar Bighi..

**3. <u>Korrispondenza</u>**

3.1 Kazin Circolo San Giuseppe Socjeta Filarmonika Sagra Familja – Waslet ittra mill-istess ghaqda sabiex tinforma l-Kunsill dwar tibdil fis-sit minn fejn ser jinghata n-nar tal-art ghall-festa tas-sena li gejja. L-ghaqda qieghda tissuggerixxi li n-nar jibda jinghata mill-area ta' fejn dak li ahna insejhu t-tennis court l-antik. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta minhabba li dan is-sit il-gdid jostakola anqas lit-traffiku, kif ukoll ma jkunx daqshekk vicin ir-residenzi tan-nies.

3.2 Skema ghall-Appogg lill-Intrapriza – Is-Sindku informa l-Kunsill li l-applikazzjoni taghna ma gietx ippremjata.

3.3 Jum il-Kalkara – Il-Kunsill iddiskuta l-attivita u kien sodisfatt bl-attendenza tan-nies. Il-Kunsilliera Maria Sultana ssuggeriet li ghas-sena li gejja ma jigux rizervati postijiet apparti dawk tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-postijiet rizervati kienu ghal dawk in-nies li gew mistiedna bl-invit.

**4. <u>Programm ta' Hidma</u>**

4.1 Il-Haddiema ghadhom ghaddejjin bil-manutenzjoni tad-dawra tal-iskola, dwar l-agreement li kellu jsir mal-iskola il-Kunsilliera Maria Sultana infurmat lill-Kunsill li hi ddiskutiet mal-Principal tal-Kullegg Santa Margerita il-proposta tal-Kunsill u dan ta' l-ewwel qabel mal-proposta. Fis-sena l-gdida ghandha ssir laqgha mal-Kap tal-iskola u l-Principal tal-Kullegg sabiex tigi diskussa din il-proposta aktar fid-dettall.

4.2 Titranga l-area fejn it-tarag ta' Triq l-Isptar Navali, billi jsir tikhil u tisbieh tal-area tal-msemmija.

4.3 Jinhadmu u jitpoggew aktar pots madwar il-Kalkara kollha.
4.4 Hareg il-permess tal-MEPA ghal-latrina l-gdida fl-area tal-bandli u x-xoghol ghandu jibda qabel is-sajf.
4.5 Mill-fondi tal-UIF li hemm disponibbli ghall-Kunsill Lokali Kalkara, gie deciz li jitrangaw l-isqaqien.
4.6 Hemm il-hsieb li jsir refurbishment tal-latrina tax-Xewkija wara li titlesta l-latrina tal-area tal-bandli.
4.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li kellu jkun ir-Regjun li jiehu r-responsabbilta' tas-sejha ghall-offerti ghax-xoghol ta' manutenzjoni tad-dwal fit-toroq u sa issa ghadu ma sar xejn. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt ezistenti fuq dan ix-xoghol kellu jigi estiz sal-ahhar ta' Dicembru 2010. Minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill jidher li r-Regjun ghadu m'huwiex fil-pozizzjoni li jiehu f'idejh din id-delega. Ghaldaqstant il-Kunsill qieghed jaqbel li tohrog is-sejha ghal dan ix-xoghol u li tkun tkopri il-periodu sal-ahhar ta' Dicembru 2011.

4.8 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tohrog is-sejha ghall-kwotazzjonijiet ghas-servizz ta' gbir ta' skart goff, kif ukoll sejha ghall-kwotazzjonijiet tal-kolonna tal-mafkar tal-gwerra. Ghandha tohrog ukoll sejha ghall-offerti ghall-xoghol ta' pavimentar, patching kif ukoll bini ta' hitan u z-zamma taghhom.
4.9 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir l-Attivita b'risq Puttinu Cares nhar l-16 u l-17 ta' Lulju.

## 5. <u>Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq</u>

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 12/2010.

## 6. <u>Aggornament</u>

Il-Kunsill aggorna ghall-laqgha pubblika nhar il-Hadd 16 ta' Jannar 2010

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |

**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

# AGENDA

## Seduta nru 01/11

Ser issir seduta tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 31ta' Jannar 2011 fil-5.30 ta' wara nofsinhar fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali b'din l-Agenda.

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Budget ghas-sena 2011
5. Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Seg Ezekuttiv
6. Approvazzjoni tal-lista ta' pagamenti u xogholijiet ohra
7. Aggornament

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

Is-Seduta miftuha ghall-attendenza tal-pubbliku